# F'JUM IL-ĠIEH ta' DUN KARM, D.Litt.

## (B'TIFKIRA GĦAL TA' WRAJNA)

Nhar it-2 ta' Ottubru, 1945, ingħata l-grad ta' D.Litt. (Hon. Causa) lill-Monsinjur K. Psaila—magħruf bl-isem ta' *Dun Karm*—fil-knisja tal-Ġiżwiti fejn sar ukoll diskors inawgurali fuq *Academic Degrees and Values* mill-Professur Ġ. Aquilina. Wara, saret ċerimonja oħra fil-Librerija ta' l-Università u l-President tal-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) ippreżenta kwadru taż-żejt ta' Dun Karm, maħdum minn Chev. E. Caruana Dingli, lill-Università ta' Malta fil-persuna tar-Rettur Prof. R. V. Galea, O.B.E., A. & C.E. F'din l-istess okkażjoni barra mill-Professur Aquilina, tkellmu wkoll ir-Rettur ta' l-Università u s-Sur Victor Frendo. President ta' li *Students Representative Council* li, għan-nom ta' din il-Għaqda, ta kopja tat-tliet kotba tal-*Għana ta' Dun Karm*, flimkien ma' fotografija tal-poeta, biex titwaħħal fil-sala ta' l-*Union* ta' l-Università. Wara, wieġeb Dun Karm b'kelmtejn minn tiegħu. Hadd wara, fis-7 ta' Ottubru, ingħata pranzu b'ġieh lil Dun Karm fil-Metropole Hotel, Tas-Sliema, u fih, fost taħditiet oħra, inqrat poeżija mill-istudent Wallace Gulia, B.Sc., Ph.C., li aħna sa nġibu hawnhekk flimkien ma' diskors magħmul mill-Prof. Philip Farrugia B.Sc., M.D., fil-Każin tal-Banda "St. Philip", ta' Ħaż-Żebbuġ, meta Dun Karm saritlu laqgħa f'dan il-każin ta' raħal twelidu u għamel kelmtejn huwa wkoll.

Tajjeb hawnhekk nagħtu xi tagħrif kif bdiet dil-biċċa tar-ritratt li l-ewwel ma tnisslet fil-moħħ tal-Professur Aquilina. Fl-1941, l-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) ħatret kummissjoni magħmula mis-sinjuri A. Agius Ferrante, Ġ. Cassar Pullicino, u (il-lum) Rev. Karm. Sant, B.A., B.D., biex tieħu ħsieb ta' dan. L-ewwel ma ntbagħtet ittra lil Dun Karm li fid-9 ta' Diċembru, 1941, wieġeb hekk: "Fuq ir-ritratt... jiena għandi f'idejja daqsxejn ta' *cliché* lest, imma naħseb li hu ħarira żgħir. Jekk jogħġobkom inkun nista' nislifhulkom." Fuq hekk il-Kummissjoni għarrfet lir-Rettur ta' l-Università u dan mill-ewwel nebbaħ l-Għaqda ta' l-Università bil-ħsieb li r-ritratt imbagħad jingħata lill-Università. Chevalier Caruana Dingli, li kien ġie mitlub biex jara jindaħalx hu għax-xogħol tar-ritratt, wieġeb hekk: "Jiena nixtieq ħafna li nagħmlu dan ir-ritratt" għax, kif qal hu, kien

ħabib ta' Dun Karm. Intbagħtet ċirkulari lill-Għaqdiet u Xirkiet l-oħra tal-Malti biex jibagħtu rappreżentant kull waħda f'din il-Kummissjoni "biex il-ħaġa tidher ġejja mhux minn din jew dik il-Għaqda biss, imma bir-rieda tal-Għaqdiet kollha tal-Malti." Tweġiba għal din waslet biss minn għand l-*Għaqda tal-Malti* (Dockyard) li qalu li "mhux biss għoġobhom il-ħsieb tal-Kummissjoni imma riedu wkoll jiżżu ħajr lill-Għaqda ta' l-Università li ndaħlet għalbiex jitwettaq ħsieb hekk sabiħ," u għażlet lis-Sur Marjo Agius bħala rappreżentant tagħha.

Beda mbagħad ix-xogħol ta' l-inkwatru, kif ukoll it-tħabrik ta' l-istudenti, l-iktar tal-Kaxxier A. Agius Ferrante, biex jinġabru xi flus għall-ħlas tar-ritratt. Ingħataw flus minn ħbiebna tal-Għaqdiet u minn għand oħrajn barra mill-Għaqdiet u fl-aħħar ir-ritratt tlesta, il-flus tħallsu u saret din iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni fis-sala tal-librerija ta' l-Università, fejn ħadu sehem, barra Professuri, gradwati, studenti u kittieba barranin, l-Eċċellenzi Tagħhom l-Arċisqof M. Gonzi, l-Isqof E. Galea u Sir George Borg, President tal-Qrati, fit-2 ta' Ottubru, dak in-nhar stess li fih Dun Karm ingħatalu l-grad ta' D.Litt.

F'din l-okkażjoni saru taħditiet minn dawn in-nies:

**Prof. Ġ. Aquilina, President, Għaqda tal-Malti (Università).**

Eċċellenzi,
Onorevoli Rettur,
Kollegi,
Studenti,
Sinjuri,

Ħmistax-il sena ilha ħajja din l-*Għaqda tal-Malti (Università)*, imwaqqfa għall-ewwel darba minn żewġ studenti tal-Mediċina, il-mibki rumanzier Dr. Ġ. Bonnici u l-poeta Dr. Rużar Briffa. Ħmistax-il sena ta' ħidma u kitba huwa għomor twil biżżejjed biex wieħed jista' jħares lejn din il-Għaqda tagħna bħala istituzzjoni biċċa waħda mill-Alma Mater, bħalma biċċa waħda minn ommha hi t-tarbija, u bħalma biċċa waħda mis-siġra huma l-friegħi u l-frott li joħorġu minnhom.

Imma sa ma għaddew dawn il-ħmistax-il sena kien hemm żmien meta l-ħsieb tagħna kien għadu mhux mifhum u maħbub kif imiss, għax fid-dagħbien ta' ħafna fehmiet, xi nies ħasbuna għaqda politika marbuta ma' partit kontra ieħor. Kien żmien il-għama, meta ħafna kienu donnhom mgħaġġlin igħoddu ruħhom għedewwa tal-moviment Universitarju, għalkemm sa mill-ewwel

nett kien hemm miktuba ċari l-fehmiet ta' l-istudenti ta' l-Università imseħbin ta' din l-Għaqda, fehmiet li kellna, kif għamilna, ngħinu bihom lil Malta tagħraf il-kobor u l-ġieh ta' l-ilsien tagħha nazzjonali.

Ma fehmuniex, għax għall-bidu l-programm tal-Għaqda tagħna qatt ma kien għadu nstema' xejn bħalu ġewwa l-Università — dik il-ħabta Maltija fl-isem imma barranija fis-sentimenti. Iż-żmien wera li din l-Għaqda tagħna kellha tkun mhux biss waħda mill-aqwa mxietel tal-ilsien Malti, imma l-bidu ta' kuxjenza Maltija ġewwa din l-Università fejn, għal ħafna snin, il-Malti, għalkemm Maltija l-Università u Maltin l-istudenti, qatt ma kien għadu kiseb il-jedd li jidħol ma' l-ilsna l-oħra barranin. F'dal-jum ma nistax ma niftakarx u ma nfakkarx f'jum ieħor fil-ġrajja ta' din il-għaqda ta' l-istudenti, li, għalkemm mill-ewwel fissret li ma kellhiex ħsieb ieħor ħlief tgħin u tkabbar l-Ilsien Malti, darba waħda sabet ruħha mkeċċija minn hawnhekk għalxejn b'xejn, bħalma jitkeċċa iben minn dar ommu, u għalhekk kellna nżommu l-laqgħat tagħna fi djar privati.

Imma int, Onorevoli Rettur, u intom, Membri tal-Kunsill Ġenerali, li llum onorajtu lil Dun Karm bl-għoti mistħoqq tad-Dottorat tal-Letteratura (Honoris Causa), pattejtu għal kull tfixkil li ltaqa' miegħu l-ilsien Malti fl-imgħoddi. Intom illum qlajtu minn għandna u mingħand il-ħbieb kollha tal-Moviment Malti, dik il-gratitudini u dik il-qima li aħna ma nistgħux ma nagħtux lil kull min jonura lill-ħila tal-Maltin. Il-Għaqda tal-Malti (Università) tirringrazzjakom. Sinjuri, biċ-ċerimonja tal-lum intom qegħidtu s-siġill uffiċjali fuq ir-rebħa ta' l-Ilsien Malti fil-persuna ta' l-ikbar poeta Malti, Monsinjur Rev. Karmelu Psajla.

Magħkom illum tingħaqad il-Għaqda ta' l-istudenti ta' l-Università u hi wkoll tagħti xhieda tal-ġieh mistħoqq lil dan il-poeta li għamel ġieh lil Malta u lill-Knisja Maltija li għandha bżonn hekk kbir ta' l-Ilsien Malti. Tagħtih xhieda ta' ġieh biex turi l-għożża tagħha għall-wirt ta' poeżija mill-isbaħ li hu ħalla lil Malta u lill-Maltin, li mhux dejjem fehmuh u għamlulu l-qalb kif kien jixraqlu.

Nagħtuh xhieda tal-ġieh tagħna għall-poeżija mhux biss mill-isbaħ kif għidtilkom, imma ħafna drabi mill-ikbar. U miniex inkabbarha. Inħoss li qed nitħaddet b'dik l-esperjenza li jien għandi ta' letteraturi barranin, meta ngħid li Dun Karm

b'ħafna poeżiji tiegħu jilħaq il-quċċata tal-kobor. Eluf ta' prietki saru ġo Malta fuq is-safa tal-Madonna ,imma jiena rrid naf liema prietka sa issa ġabret hekk tajjeb ġo fiha, bid-daqqa sħiħa ta' l-imgħallem, il-figuri tal-verġinità, daqs is-sunett tiegħu, ġawhra tal-letteratura tagħna, li jismu *Bjuda*. Ħalluni naqrahulkom.

Rajtek filgħodu tidħak qalb il-ħdura
Ta' ġnien ifuħ, fuq ġilju u ġiżimina,
Safja, bla nikta, u fuqek dik il-ħmura
Li tixgħel fit-twelid tax-xemx ħanina.
U rajtek f'nofs in-nhar ħiemed, minxura
Fuq is-silġ, tal-għoljiet ilbies u żina,
Tiddi mill-bogħod, fuq il-għajnejn għajjura.
Ta' min iħoss tal-għoli x-xewqa rżina.

Sabiħa, o Bjuda! U f'qalbi kibes ġamar
Ta' mħabba meta rajtek fil-għaxija,
Tħares ħosbiena minn fuq wiċċ il-qamar:
U ħlomt ħolma tal-Ġenna—dehra ġdida!
Rajtek tkebbeb, bħal star, Tfajla Lhudija,
Li kienet xebba u kellha 'l Binha f'idha.

X'ekonomija ta' kliem! Fl-aħħar vers, l-ebda kelma żejda u l-ebda kelma nieqsa, biex jiġbor fih dak il-misteru tal-Fidi tagħna, il-misterju tal-Verġinità.

Jonkella, sinjuri, dan is-sunett li ġej, fuq dik l-istituzzjoni tal-għaġeb, eqdem mill-Imperi u ogħla mir-regħba tal-bniedem u tan-nazzjonijiet, li hija l-*Knisja*:

Imħabba fik, ja Tifla tal-kbir Alla,
Mill-ibgħad żmenijiet kienu maħduma
Il-ġrajja tal-bnedmin: u biex italla'
Ġiehek fil-għoli, u tkun mill-ġnus meqjuma,
Bħall-mewġ tal-baħar, ħalla wara ħalla,
Sawwar Jahwe l-Imperi, illum mirduma:
It-triq hejjewlek, o tas-sliem qawsalla,
L-Eġittu, il-Babilonja, il-Greċja u Ruma:

Int biss ta' dejjem, u qaddis għamilek:
Inti sultana, wil-ġnus kollha wirt tiegħek;
L-ebda moħqrija u l-ebda żmien ma jtemmek.
Ibleh min jaħseb billi jxerred demmek,
Sejjer jeqirdek. Dak li dejjem miegħek
Jarmi l-Imperi biex iwettaq Lilek."

Sinjuri. dawn huma biss żewġ sunetti minn ħafna oħrajn sbieħ tassew, li wieħed jista' jseħilhom il-miraklu ta' Dun Karm u ta' l-Ilsien Malti.

Kitba bħal din tgħallimna nqimu mhux biss lill-poeta li llum qiegħed hawn fostna, imma wkoll lil dak l-Ilsien li ħafna maqdru għax ma jafuhx u li hu għolla għall-ġieh ta' lsien letterarju, mal-ftit poeti oħra li laħqu fetħu t-triq qablu, bħalma huma Ġalanton Vassallo, Professur tat-Taljan l-Università, u Ġuże Muscat Azzopardi, kif ukoll Dun Ludovico Mifsud Tommasi, qassis ieħor. Hafna wrew ħila fil-kitba tal-Malti, imma ħadd ma kixfilna s-setgħat moħbija ta' lsienna daqs Dun Karm, u hekk illum ħadd ma baqagħlu l-iskuża jmaqdar u jixħet il-għajb fuq ilsien art twelidna u. għalhekk, kull min ifixkel il-mixja tal-Malti llum ma jistħoqqlux jissejjaħ Malti tajjeb għax ikun qed ifixkel b'għajnejh miftuħa.

Il-poeżija hi ħaġa ta 'min iqimha mhux biss bħala xogħol letterarju imma bħala wirja tal-kobor u l-ġmiel ta' ruħ il-bniedem fl-eqqel ħinijiet ta' ħajtu. Il-poeżija hi waħda mill-ogħla friegħi ta' l-Arti, wieħed mill-isbaħ ċertifikati ta' koltura u ċiviltà. Biex insemmu l-Ingilterra, li hi l-eqreb lejna, kbir kemm hu kbir l-Imperu mibni minn għaqda ta' artijiet bejniethom, bissaħħa tal-ftehim jonkella ta' l-armi, qatt m'hu kbir biżżejjed daqs kemm huwa kbir l-imperu spiritwali li bnewlha u ħallewlha l-kittieba tagħha, l-akbar fosthom kollha Shakespeare. Jekk fittibdil li jista' jsir fil-ġrajjiet tad-dinja l-Imperu materjali għad jisfa' fix-xejn, l-imperu l-ieħor spiritwali jibqa' jgħix fil-qlub taddinja kif fil-qlub tad-dinja għadhom jgħixu l-Klassiċi Griegi u Latini għalkemm l-imperi materjali tagħhom ilhom li dabu fix-xejn. Il-poeżija hi raġġ dawl minn Alla, faraġ tal-bniedem fis-sigħat koroh tiegħu. bħalma ta' faraġ u ta' ispirazzjoni kienet il-poeżija "*Elegy written in a Country Churchyard*" għall-ġeneral Wolfe huwa u sejjer għall-aħħar taqbida ta 'ħajtu; bħalma ta' faraġ ukoll kienu għal Mr. Churchill u għad-dinja fl-eqqel tal-gwerra li għadna kemm ħriġna minnha l-versi ta' A. H. Clough :

"Say not the struggle naught availeth."

u l-versi ta' W. E. Henley

"Out of the night that covers me."

Mhux għalxejn għalhekk l-Ingliżi għadhom sal-lum jikkoltivaw il-poeżija, u l-*Poetry Society* għandha bħala Viċi-President tagħha lill-Ġeneral Wavell, illum Viċi-Re ta' l-Indja. Minna jiġi

jekk bħal pajjiżi kbar ma nagħmlux l-aħjar użu mit-talent poetiku tan-nies tagħna, li bħal sigar imsoqqija tajjeb f'ħamrija għammiela, jikbru u jagħtu l-aħjar frott tagħhom meta aħna, biex ingħid hekk, insaqquhom bl-imħabba u l-kuraġġ li mingħajru l-ispirtu tal-bniedem jinxef u jmut.

Onorevoli Rettur, inti tifraħ magħna meta ngħidlek f'isem il-kittieba u l-ħbieb kollha tal-Malti, li l-unur li din l-Università llum tat lil Dun Karm, lilna sa jżid iħeġġiġna biex nibqgħu nkabbru l-Ilsien Malti, sew bħala għodda t'espressjoni letterarja kif ukoll bħala għodda ta' edukazzjoni nazzjonali, kif jixraq lill-Għaqda magħmula minn studenti ta' Università fejn nitgħallmu nħobbu 'l Alla u 'l Artna qabel kollox. U biex naslu għall-ħsieb tagħna sa nżidu t-taqbida tagħna ħarqiena kontra l-aqwa għadu tal-Lsien Malti li hija l-Injoranza, l-injoranza tal-grammatka u letteratura tiegħu, kif ukoll tal-ħtieġa tiegħu biex aħna ninqdew bih għal skopijiet għolja ta' ħajja ċivilizzata, u ta' nazzjonalità, ħajja li għandha ġo fiha jaħraq il-maġmar tal-Fidi fid-destini tal-poplu Malti. Tabilħaqq, l-aqwa għadu tal-Malti hi l-injoranza li hi hekk prusuntuża li titħaddet u tikkundanna l-Ilsien tagħna mingħajr ma tkun tafu, bħal kieku qatt ma kien hemm Dun Karm jonkella kittieba oħra Maltin li llum bil-ħaqq kollu saru nisġa waħda mix-xoqqa tal-Koltura Nazzjonali tagħna.

Jiena dejjem bqajt impressjonat minn dak li darba qrajt fil-*Convivio* ta' Dante, għax rajt li d-dinja dejjem xorta u kull pajjiż igħaddi minn għawġ bħal tagħna. Qrajt iċ-ċanfira li Dante għamel lill-egħdewwa tal-Lsien Taljan, li dik il-ħabta, billi lsien il-għorrief kien mad-dinja kollha l-Latin, kienu jsejħulu "il volgare" kif xi Maltin għadhom jogħġobhom isejħu l-Malti "il vernacolo" jew "il volgare". Bħalma ħafna għajru lill-Malti li mhux tajjeb għall-espressjonijiet għolja tal-bniedem, hekk ukoll xi għorrief ta' dak iż-żmien ċanfru lil Dante talli ma kitibx id-*Divina Commedia* bil-Latin, imma bil-*volgare*, "l-Ilsien tal-baxxi u tal-pjazez". U Dante weġibhom b'argument li aħna nistgħu nieħdu għall-Malti, u qalilhom li bħalma l-ħaddiem ħażin biex ma jiħux il-ħtija tax-xogħol tiegħu, mhux magħmul sewwa u kif titlob is-sengħa, iwaħħal fil-għodda, hekk ukoll ħafna kienu jwaħħlu fil-*volgare* biex ma jistqarrux li kienu huma li ma kinux jafu jħaddmuh. Għalhekk, Onorevoli Rettur, iċ-ċerimonja tal-lum ser tibqa' tħeġġiġna nkabbru u nwessgħu t-tagħlim tal-

Malti fost dawk li ma jafuhx. Aħna sa nibqgħu ninsistu bil-qawwa kollha fuq il-jeddijiet tal-Malti li jkun mgħallem, mifhum u meqjum bħala lsien nazzjonali, se nibqgħu nfiehmu li hu diżunur tkun Malti u ma tafx il-Malti sewwa. Aħna sa nibqgħu nikkumbattu lil dawk li jidhrilhom li jistgħu jitħaddtu kontra l-Malti mingħajr ma jkunu studjawh. Liż-żgħażagħ u lill-kbar li telgħu taħt tagħlim ieħor, ngħallmuhom kif għallem Silvio Pellico fil-ktieb tiegħu *Dmirijiet tal-Bniedem*: "Kien x'kien l-istudju li inti tħobb u tgħożż l-aktar, qis li ma jiġrilekx kif jiġri lil ħafna, li daqskemm jammiraw ix-xjenza tagħhom, erħilhom jibdew imaqdru studji oħra li ma kinux inxteħtu għalihom."

Lill-ħbieb imbagħad inwiddbuhom biex ikunu meqjusa fil-ħeġġa tagħhom, jaraw kollox fil-qies tiegħu sewwa, iħobbu l-istorja u lsien art twelidhom mingħajr ma jmaqdru jew iċekknu ilsna ta' pajjiżi oħra, fost dawn l-aktar l-Ilsien Ingliż, għani b'waħda mill-aqwa letteraturi tad-dinja. Aħna ma' l-imħabba għall-Malti ma nonqsux li nħeġġu l-imħabba għall-art kbira li laqgħetna taħt il-ħarsien tagħha. Inħeġġu ż-żewġ lealtajiet, lejn artna u lejn l-Ingilterra, li offiċjalment nixtiequ narawhom imfissra dejjem, fost ħwejjeġ oħra, bid-daqq u l-kant taż-żewġ innijiet, l-*Innu Malti*, xogħol il-pinna ta' Dun Karm, u l-*God Save The King*.

Jiena ma nafx kif tista' tkun Malti tajjeb, ġentlom Malti xort'oħra, u kif nistgħu niġbdu r-rispett tal-barranin fuqna jekk kemm-il darba aħna stess nonqsu lilna nfusna minn dan ir-rispett li kull poplu ieħor jagħti lil niesu.

Onorevoli Rettur, issa nistiednek tilqa 'minn għand l-*Għaqda tal-Malti (Università)*, bħala xhieda ta' l-imħabba u l-għożża tagħna għal Dun Karm, kif ukoll bħala xhieda ta' dak kollu li għadni kif għidt, dan il-kwadru sabiħ ta' Dun Karm, xogħol tal-pittur magħruf, Malti ieħor bħalna, Chevalier Caruana Dingli, miġbur mill-fondi tal-Għaqda li jien President tagħha, u mill-kontribuzzjonijiet ta' xi ħbieb oħra. Din hi offerta simbolika, magħmula għal-lum, għal għada u għaż-żmien kollu li għad igħaddi fuq Malta bħala tifkira ta' dal-jum kbir fil-ħajja ta' Dun Karm u fil-ħajja tal-moviment Malti kollu, biex l-istudenti tal-lum u ta' għada jibqgħu jżommu ħajja f'qalbhom it-tifkira u l-idejali Maltin ta' l-aqwa u l-akbar poeta Malti, u tar-rabta ma tinħallx bejn Lingwa u Nazzjonalità.

**Is-Sur Victor Frendo, President, Students' Representative Council.**

Eċċellenzi,
Onorevoli Rettur,
Sur President,

Il-kumitat li għandi l-unur nirrappreżenta iddeleġani sabiex fi-okkażżjoni tal-gradwazzjoni tal-Wisq Rev. Mons. Karmelo Psaila, D.Litt., aħna nippreżentaw lilek, bħala President tar-*Royal University of Malta Union*, ix-xogħlijiet letterarji u fotografija ta' Dun Karm.

Li *Students Representative Council* jixtieqi juru b'din il-preżentazzjoni, li l-istudenteska Maltija tgħożż ħafna x-xogħol ta' dawk in-nies li bl-opra tagħhom jagħarfu jagħtu ġieħ lill-isem tal-maħbuba Gżira tagħna.

Mons. Paila fil-kitba tiegħu żamm dejjem fil-għoli s-sisien li fuqhom tintrabat il-ħajja universitarja Maltija; jiġifieri, l-imħabba lejn il-pajjiż u l-Fidi tagħna. Għalhekk, jixraq li qalb il-volumi tal-librerija ta' l-Union, ikun hemm ukoll l-opri letterarji ta' Dun Karm. L-għana ta' Dun Karm għalina huma għeżież ħafna, għax fihom jiġri u jiddi s-sentiment patrijottiku u reliġjuż. Ta' min jinnota, Sur President, li għalkemm il-poeżija ta' Dun Karm inkitbet fi żmien li ħafna poeti ħarsu lejn il-filosofija materjalistika fit-tiswir tal-versi tagħhom, Dun Karm, il-poeta Malti ,wera li l-poeżija tista' tkun sabiħa anki jekk il-kittieb tagħha jżomm bħala xempju dik il-filosofija pura li titbiegħed mill-materjaliżmu tas-seklu. F'wieħed mill-isbaħ komponimenti tiegħu li fih isemmi wara xulxin il-ġrajjiet tal-musbieħ ma' tul is-snin, igħid il-poeta li kollox jintemm fiż-żmien barra minn Kelma u Haġa li bil-filosofija safja tiegħu Dun Karm jiddefinihom hekk :

"Hawn Haġa sabiħa
Fost l-iżjed li rajt,
Hawn Kelma qaddisa
Fost l-egħżeż li smajt,
Li għadhom kif kienu
Fiż-żmien li tnissilt
U għext ma' sidti
Fil-qabar inżilt.
Il-Kelma huwa l-isem
Ta' Kristu Feddej,

Bin Alla li jaħkem
L-imgħoddi u li ġej,
Il-Ħaġa hija x-xirka
Ta' Dan il-Mislub,
Imgħajjar bil-bosta,
Bil-bosta maħbub......"

Huwa fuq dan il-ħsieb li tintrabat il-filosofija ta' Dun Karm, u għalhekk, bir-raġun ħafna jħarsu lejh bħala z-Zanella tagħna.

L-imħabba lejn pajjiżu xejn inqas m'hi qawwija. Fl-1921, nhar l-għoti tal-Kostituzzjoni lil Malta, Dun Karm Psajla ħares lejn ħutu l-Maltin u kanta:

"Qum mill-ħedla li 'l qalbek mewtitlek,
Ġens ta' ħila, ta' għaqal, ta' ġieħ;
Poplu Malti, ix-xemx telgħet, sejħitlek;
Aqbad triqtek lejn xefaq sabiħ......"

Ħsieb patrijottiku li jawgura lill-gżira tagħna żminijiet aktar għonja, li l-lum huwa f'postu li wieħed jikkwotahom bl-istess ħsieb tal-poeta.

Sur President, jiena nitolbok taċċetta din il-fotografija u dawn l-opri għan-nom ta' sħabi, sabiex nuru li l-istudenteska Maltija taf tgħożż u tħobb dak kollu li hu Malti u jappartieni lil Malta.

**L-Onor. Prof. R.V. Galea, O.B.E., A. & C.E.,**
**Rettur ta' l-Università Rjali ta' Malta.**

Eċċellenzi,
President u Membri tal-*Għaqda tal-Malti* (*Università*),
President u Membri ta' li *Students Representative Council*
Sinjuri,

Bħala Rettur ta' din l-Università li għal ftit inqas minn mitejn sena żammet u għadha żżomm f'idejha t-tagħlim għoli u l-ħeġġa ta' l-imħabba f'Art Twelidna, b'qalbi kollha nilqa' minn għand l-Għaqda dan il-kwadru sabiħ tal-maħbub Monsinjur Psaila, poeta Malti mill-ikbar li qatt kellna, magħmul mill-imsemmi pittur Kavalier Caruana Dingli, biex, b'tifkira tiegħu u ta' għemilu jinżamm minna ma' bosta kwadri oħra ta' ġenji Maltin li fi żminijiethom, b'ħilthom u bit-tħabrik tagħhom, għollew l-isem ta' dawn il-Gżejjer dejjem iżjed 'il fuq.

Mhux b'inqas ferħ f'qalbi, bħala President tar-*Royal University of Malta Union*, jiena ħadt illum minn idejn il-President ta' l-istudenti, ritratt ieħor ta' Dun Karm biex jitqiegħed fl-

*Union*, u ġabra tal-kitba tiegħu bil-Malti li terfa' r-ruħ u tmiss il-qalb, biex tinżamm hemm mal-kotba l-oħra ta' ħtieġa li qegħdin jiżdiedu kull sena.

Kien ħsieb tassew ta' min ifaħħru li dawn it-tifkiriet ġew mogħtija lilna fil-jum li din l-Università li dejjem onorat lil min b'mod jew ieħor għamel ġid lilha stess jew, inkella 'l Malta u 'l uliedha, kellha l-ġieh li tagħti Dottorat tal-Letteratura (honoris causa) lil Monsinjur Psaila li bil-ħlewwa u l-għerf tal-kitba tiegħu u bil-ħsibijet għolja li fihom kellu l-ħila juri li bħalma aħna kburin bl-istorja ta' dawn il-gżejjer għandna għax inkunu iżjed imkabbra bl-ilsien ħelu tagħhom li hu eqdem mill-ġrajja li nafu bihom u saħansitra eqdem mill-monumenti Maltin Megalitiċi, li huma l-għaxqa tax-xjenzati tad-dinja, li nbnew bosta u bosta snin qabel ma dehret il-kitba.

Dun Karm bil-ħila kbira tiegħu, u bil-ħeġġa li jgħolli dejjem Art Twelidu, illum stħoqqlu tassew l-unur li lilu tat l-Università imma, bħalma qal il-Professur Aquilina, il-Kunsill Ġenerali b'dan l-għemil tiegħu ried ukoll jissiġilla l-qima tiegħu lejn l-ilsien Malti fil-persuna ta' Dun Karm. Hija xewqa kbira ta' min qiegħed ikellimkom u ta' dawk kollha li miegħu jmexxu din l-Università, u ma' dan il-ħsieb jien żgur jaqbel ukoll Monsinjur Psajla u l-mexxejja l-oħra tal-Malti, li min jistudja hawnhekk dan l-ilsien jifhem li jkun qiegħed jitgħallmu mhux tant għalih innifsu daqs kemm għalbiex permezz tiegħu jwassal bil-kelma u bil-kitba t-tagħlim meħtieġ għal ħajja tajba, għall-imħabba tal-proxxmu, għall-bżulija, l-indafa u għall-progress soċjali fost dawk il-Maltin l-oħra li inqas ixxurtjati minnu ma setgħux joqogħdu biżżejjed fl-iskejjel biex jitgħallmu sewwa d-dmirijiet tagħhom lejn Alla, lejn Arthom, lejn ħuthom il-bnedmin, u lejhom infushom. It-Teologu, l-Avukat, it-Tabib, l-Arkitett, il-Letterat u x-Xjenzat li joħorġu minn din l-Alma Mater jagħmlu mela ħilthom kollha biex ixerrdu l-kultura li jkunu ħadu hawnhekk f'dawk l-irkejjen kollha ta' Malta fejn l-ebda tagħlim ma jista' jasal, l-ebda mixi 'l quddiem ma jista' jsir jekk mhux bi lsien Art Twelidhom u mingħand min hu diġà mgħallem bir-reqqa u mimli bl-imħabba.

Iqawwili qalbi mhux ftit dan l-entużjasmu li qiegħed nara llum ma' dwari għal Dun Karm u għal dak kollu li hu jippersonifika, għax bħalma jgħidu l-Ingliżi: *Enthusiasm is the Golden Key of Success.* Il-futur ta' l-ilsien Malti u l-ġid li kif għedna jista' jġib miegħu f'dina l-art hu żgurat sakemm ikompli u jiż-

ħied dan l-entużjasmu, imma ma hemmx bżonn ingħidilkom li l-entużjasmu, bħall-emozzjonijiet il-kbar kollha, jew bħal żiemel żagħżugħ b'saħħtu u ferrieħi, irid meta jkun hemm bżonn ikun miżmum taħt ir-riedni għalbiex bl-istess ħeġġa tagħna ma nagħmlux xi żball li bih nistgħu niġu mitfugħin lura minflok 'il quddiem. Imma sakemm nimxu fit-triq li wriena Dun Karm u bosta awturi oħra tal-Malti, mejtin u ħajjin li tafuhom daqsi, li kattru l-imħabba u li għollew id-dinjità ta' l-ilsien Malti b'għerfhom u bil-ħlewwa u l-ħrara tal-kitba tagħhom, aħna ma nistgħu qatt niġu fil-għali, anzi jirnexxielna niġbru magħna dawk kollha li s'issa għadhom ma fehmux il-ħtieġa u l-ħlewwa ta' lsienna li hu wkoll ilsienhom.

Qabel ma nagħlaq dawn il-kelmtejn ma nistax ma nifraħx mill-ġdid lill-maħbub Dun Karm għall-ġieh li llum b'ħiltu kiseb minn għand din l-Università Rjali li bil--ħrara kollha laqgħatu fi ħdanha, u għall-ferħ u l-għożża li wrewh il-ħbieb tiegħu tal-Għaqda, il-Professuri u l-Istudenti, kemm ukoll l-Għaqdiet l-oħra kollha tal-Malti li qegħdin hawn jieħdu sehem magħna; ma nistax ma niżżix ħajr mill-ġdid l-Għaqda tal-Malti u l-Kunsill ta' l-Istudenti għar-ritratti u l-ġabra ta' kitba bil-Malti ta' Dun Karm li aħna beħsiebna ngħożżu għalina u għal min jiġi wrajna, u b'qalb waħda ma' kull min hu hawn quddiemna u ma' kull min xtaq ikun hawn, nittama li l-Kbir Alla jagħti l-għomor, is-saħħa u l-hena lill-ħabib tagħna Monsinjur Psaila għal bosta snin oħra għall-ġid ta' l-ilsien Malti u ta' Artna.

**Dun Karm Psajla, D.Litt.**

Eċċellenzi,
Onorevoli Rettur,
President u Kumitat tal- *Għaqda tal-Malti* (*Università*),
President u Kumitat ta' li *Students' Representative Council*,
Studenti, Sinjuri,

Wara ċ-ċerimonja solenni li saret dal-għodu fit-tempju ta' Alla, fejn l-Università riedet tonorani bil-Grad ta' "Doctor Literarum", wara ċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tar-Ritratt tiegħi lill-Università, wara l-kliem għaqli u meqjus tagħkom, ma baqax ħlief li jiena ngħid xi kelma ta' tiżżija ta' ħajr, u xi kelma dwar kif nifhem jiena l-qalba ta' dak li sar illum.

L-isem tiegħi, "Dun Karm", illum donnu sar ifisser żewġ ħwejjeġ ta' sura diversa. Illum Dun Karm ifisser jew is-saċerdot Dun Karm Psaila li fuq il-ħamsin sena ilu kien jistudja fis-Semi-

narju, li għal sebgħa u għoxrin sena kien surmast u professur fl-istess Seminarju, li għal sittax-il sena kien Assistent Bibljotekarju, u li għal dawn l-aħħar għaxar snin hu xiħ b'daqsxejn ta' pensjoni; inkella dan l-isem Dun Karm ifisser is-saċerdot li f'dawn l-aħħar tletin sena ingħażel bħala kittieb u bħala poeta Malti.

Jiena naħseb, u mid-diskorsi li saru jidher ċar, li intom illum għandkom aktar quddiem għajnejkom lil Dun Karm bħala poeta milli bħala qassis, għalkemm il-poeta ma jbarrix lill-qassis; u għalhekk jiena nistħajjel li intom tixtiequ aktar tisimgħu erba' kelmiet mingħand Dun Karm bħala poeta.

Nibda biex nistqarr li jiena minn tfuliti ħassejt u fhimt li fija kien hemm ruħ ta' poeta, għax kont inħoss li l-poeżija kienet terfagħni 'l fuq lejn dehriet ta' ġmiel u ta' mħabba li ma bħalhom. Ma nsejt u ma ninsa qatt dak li tfajjel ta' għaxar snin kont inħoss, meta fl-iskola tar-raħal konna naqraw il-versi tal-Prof. Ġio. Antonio Vassallo, speċjalment dik l-għanja patrijottika:

Int sabiħa, Malta tagħna,
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

U dan is-sentiment, jiena fissirtu fil-għanja tiegħi "Non Omnis Moriar."

POEŻIJA! Xinhi l-Poeżija? Hi wieħed minn dawk il-għeġubijiet li Alla niseġ, u xi drabi ħeba, fil-Ħolqien. Il-Poeżija hija l-ġmiel imxerred fil-ħlejjaq kollha, u poeta hu dak illi jagħraf u jfittex li jfisser bis-sengħa u bil-ħlewwa tal-kelma dak il-għaġeb mistur. Għalhekk il-Poeżija ma għandhiex la pajjiż anqas ilsien tagħha. Kif id-dawl jidher minn ġo kull lewn ta' ħġieġ, u jidher aktar safi aktar ma tkun safja l-ħġieġa, hekk il-poeżija taqbeż u tidher minn kull għamla ta' lsien li jkun safi fil-għażla tal-kelma u maħdum bis-sengħa.

Jiena, bħala poeta, f'żgħużiti ktibt bit-Taljan, għax dak il-lsien kien l-ewwel wieħed li jiena tgħallimt u kien jogħġobni; ktibt ukoll xi ħaġa żgħira bl-Ingliż, u saħansitra xi għanja ċkejkna bl-Esperantu.

Iżda fl-1911, tħarrket ġo fija l-imħabba lejn il-poeżija bil-Malti, u ktibt, kif kienu talbuni xi ħbieb tiegħi, l-ewwel għanja fi lsienna "Quddiem Xbieha tal-Madonna".

Din il-ġibda u din l-imħabba xegħlu mas-snin u ħarġu

poeżijiet oħra li deħru fl-1914, fi ktieb tal-"Mogħdija taż-Żmien" tas-Sur Alfons Galea, bit-titlu ta' "L-Ewwel Ward." Il-ġmiel tal-Lsien Malti ħeġġiġni iżjed, u fl-1920 deħret ġabra ta' poeżijiet tiegħi ta' "Ward Ieħor."

Issa billi dik il-ħabta l-Malti minn ħafna minn ħutna ma kienx għadu magħruf sewwa, u għalhekk ma satax ikun maħbub, inqala' xi ftit tat-twegħir, u jiena ħassejt ukoll xi żegħila ftit taħraq fuq wiċċi.

Iżda l-imħabba vera hi kostanti, u ma tmutx anqas tinfileġ quddiem it-twegħir; bil-maqlub, hi tħeġġeġ iżjed.

Għalhekk, mingħajr ebda ħass ta' stmerra lejn ħadd, iżda b'imħabba safja u sħiħa lejn l-Art li tatna isimha, u lejn il-lsien tagħna, li hu l-lsien nazzjonali tagħna, jiena xtaqt nuri lil ħuti l-Maltin kollha illi l-lsien Malti ma hux dik it-tilqita u taħbila ta' kliem li ma jiswa għal xejn. iżda li hu lsien għani u sabiħ biżżejjed, biex, jekk jinħadem tajjeb jista' jfisser ħsibijiet għoljin u sentimenti ħelwin bħal dawk li jinsabu fil-kitba letterarja ta' nazzjonijiet oħra.

Biex nuri dan, jien għażilt waħda mill-isbaħ poeżijiet tal-letteratura Taljana—I Sepolcri—ta' Ugo Foscolo, u bil-ġabra u bil-għaqal qlibtha fil-lsien tagħna.

Kif deħret din it-traduzzjoni ta' "I Sepolcri", wasalli ħafna ferħ minn ħafna nies ta' koltura diversa, u dan ħeġġiġni aktar biex nissokta fil-mixja tiegħi : u billi deherli illi traduzzjoni minn ilsien barrani, għalkemm tajba, ma hix biżżejjed biex tagħti lill-ilsien Malti l-ġieh ta' lsien letterarju, intfajt b'ħeġġa kbira għal biċċa xogħol oriġinali, ta' xejra letterarja għolja, twila daqs il-*Carme* ta' Ugo Foscolo. u fl-1938 ħareġ il-"L-Jien u Lilhinn Minnu".

It-traduzzjoni li saret bil-Franċiż ta' dan il-poema, minn Laurent Ropa. u li kienet milqugħa tajjeb ġo Pariġi u t-traduzzjoni li saret bl-Ingliż minn Miss May Butcher, milqugħa tajjeb u mfaħħra mill-kritiku letterarju tal-*The Poetry Review* ta' Londra, ikkonvinċewni illi l-ħidma tiegħi fil-kamp tal-Poeżija kienet qiegħdet lill-ilsien Malti fuq sies qawwi biżżejjed, biex fuqu kittieba oħra ta' proża u ta' poeżija li ġejjin warajja. ikunu jistgħu jibnu l-Monument Letterarju, sabiħ fil-faċċati kollha tiegħu, kif jixraq lil nazzjon ċkejkna fid-daqs, imma kbira fl-istorja tagħha, lin-Nazzjon Maltija.

Imma issa nħoss li għandi nistqarr li jiena ma ħassejt qatt li ngħodd ruħi bħala poeta kbir—kif ħafna għoġobhom isejħuli—bosta anqas bħala poeta li kien jistħoqqlu ġieh bħal dan li intom——Membri tal-Għaqda tal-Malti, Università—ridtu llum tagħmluli, billi tqiegħdu r-Ritratt tiegħi, imħallas b'kontribuzzjonijiet tagħkom u ta' sinjuri oħra, fis-sala ta' l-ogħla ċentru tat-tagħlim f'Malta, ta' l-Università, maġenb ir-ritratti ta' l-ikbar u l-egħref nies li weġġħu lil Malta; u intom membri tal-S.R.C. billi tqiegħdu r-ritratt tiegħi fil-Union ta' l-Università: u jekk jiena lqajt—u lqajt bil-qalb—din l-offerta li intom għoġobkom tagħmluli, jiena ma lqajthiex ħlief fl-isem tal-għażiża Malta tagħna, dik li intom illum onorajtu bl-unuri li tajtu lili; u għalhekk jiena fl-isem ta' Malta l-Ħanina, fl-isem ta' l-Ilsien tagħha sabiħ u fl-isem tal-Poeżija Maltija, ħelwa u sħiħa bħal dik ta' nazzjonijiet oħra, ngħidilkom minn qalbi :

"NIŻŻIKOM ĦAJR."

**Poeżija li nqrat fil-pranzu mogħti mill-"Kunsill Ċentrali tal-Malti" f'ġieh Dun Karm, fil-Metropole Hotel (Sliema) fis-7 ta' Ottubru, 1945.**

## LIL MALTA

*B'ġieh* Mgr. K. Psaila *fil-għotja lilu tal-grad D.Litt. (Hon. Causa).*

Darba kont żgħira! L-Barranin għajjura
Ħakmuk bla lġiem, w isimhom kitbu sewwa,
Fuq il-ħitan li bnew tas-swar żonqrija,
'Żda ismek ġewwa

Satruħ, biex ħadd ma jifhmek. Bil-passejn
Muġugħa int krobt miflużа: barranija
Is-setgħa żammitek mgħakksa taħt il-madmad
B'idejn kefrija!

L-anqas ma sewa l-leħen kbir, fuqani,
Ta' wieħed li fil-qalb ma żammx ħlief lilek:
U tturufnawh, u tturufnawh, ja Malta,
Għax xtaq il ġidek!

Il-lum mhux hekk! Minn wara l-Fuqqanija
Xorob ix-xemx, w għajnejh kotru bid-dehra
Ta' ħdura tperper fil-widien moħbija,
U ġera fl-għera

Tal-ħaxix artab, il-Qassis Poeta
Li għanna tul is-snin l-għanja Maltija,
Bnina, kotrana, minn kull lewn, sabiħa,
Bħall-qalb qawwija!

Mhux għax fil-ħeġġa tat-tifwir ta' qalbu
Ma sabx il-ġlata ta' l-egħdewwa tagħna,
Iżda għax l-imħabba lejn din art twelidna
Kienet setgħana!

U hekk qawwija! Ġens wieħed magħquda
Bl-ilsien li ħadd il-lum ma jrid jistmerru
Miexja ferħana! Ma tarax iż-żgħażagħ
Imġenna jġerru

Is-seher ta' l-ilwien ħomor u bojod
Li nibtu bħal rimjiet mill-għana mfawwar,
Lil hawn mix-xtut, lil hinn ukoll fuq l-ibħra,
Bid-deheb u l-ġawhar?

Sultana int il-lum, Malta Maltija!
Mhux fuq ir-rimja t'artijiet kotrana:
'Żda fuq il-qlub li għaqqad għalenija,
L-Poeta tagħna!

1.10.45. WALLACE GULIA.

**Fil-laqgħa ta' Ħaż-Żebbuġ saru dawn it-taħditiet:**
**Professur Philip Farrugia B.Sc., M.D., President, St. Philip Band Club.**

Monsinjur Psaila,
Monsinjur Milanesi,
Wisq Reverendu Arċipriet u Reverendi Sinjuri tal-Kleru ta' Ħaż-Żebbuġ,
Presidenti Onorarji u Sinjuri Membri tal-Kumitat,

Id-dmirijiet ta' President ta' Każin li jgħodd mijiet ta' soċji huma tqal u iebsa, u naħseb li tifhmu intom li wieħed ma kienx jindaħal għalihom li kieku ma kienx iħobb sewwa lill-Għaqda stess, kif ukoll lir-raħal fejn il-Każin ikun jinsab imwaqqaf u qiegħed jaħdem għall-ġid tiegħu. Imma kif m'hemmx sħaba, sewda kemm hi sewda, li m'għandhiex xifer dawl, hekk ukoll id-dmirijiet ta' President għandhom huma wkoll is-sabiħ tagħhom.

U f'dan il-jum kif setgħu jkunu isbaħ, iktar ħelwa u ta' faraġ, id-dmirijiet tiegħi bħala President tal-Għaqda St. Philip Band Club, kif setgħet tkun aħjar xortija, meta jiena għandi l-okkażjoni li nilqa' lilek, o maħbub Dun Karm, is-surmast ta' tfuliti, wild l-istess raħal tiegħi u ta' ħbiebi ta' dan il-Kumitat u dan il-Każin, bniedem għaref li ħallejt isem sewwa fis-Seminarju kif ukoll fl-Università Rjali ta' Malta, ġawhra tal-Kleru Malti u Monsinjur tal-Kattidral, l-akbar Poeta Malti, nilqa' lilek ħalli nfissirlek il-ferħ u l-kburija ta' eluf u eluf ta' nies, kollha Żebbuġin bħalek, għall-unur li bih l-Alma Mater tal-Gżejjer tagħna għoġobha tinkuruna l-poeżija għolja u merfugħa tiegħek? Għax tabilħaqq il-lum messitni x-xorti wisq sabiħa li nilqa', fil-Każin tal-Banda fejn aħna nqimu lil Filippu bħala l-missier tagħna fis-Sema, nilqa' lil wieħed li minn dejjem aħna nqimu bħala l-missier tagħna fl-art, lilek o kbir Poeta, lilek o Żebbuġi bħalna li bil-poeżija tiegħek wasalt biex ktibt ismek bl-ittri tad-deheb fil-paġni glorjużi ta' l-Istorja ta' Malta!

Għaddew mija u ħamsin sena minn meta Malti ieħor Żebbuġi, b'ħidma li tixbaħ ħafna lil dik tal-Monsinjur Psaila, il-Mistieden ta' Ġieħ tagħna, kien qiegħed isebbaħ u jżejjen l-Istorja tal-Gżejjer tagħna. Dan kien Mikiel Anton Vassalli, dak il-bniedem li fetaħ ġlieda għall-ilsien tagħna u għall-jeddijiet tal-poplu. Vassalli witta t-triq għat-tagħrif ta' l-ilsien Malti bħala lsien nazzjonali tagħna, u għal-libertajiet tal-Maltin sewwa f'dik li hi edukazzjoni jew tagħlim, kif ukoll f'dak li hu kummerċ u kuxjenza nazjonali. Mikiel Anton Vassalli kien ukoll Żebbuġi bħal Dun Karm. Wieħed ħawwel ix-xitla ta' l-ilsien Malti, u l-ieħor saqqieha u qagħad jieħu ħsiebha sakemm minnha ħareġ l-isbaħ poeżija li qatt kellha Malta. Li kieku kont pittur, kont żgur inpinġi lil Vassalli u lil Dun Karm fl-istess kwadru, mifrudin b'qawsalla liema bħala, il-qawsalla ta' wara l-maltemp, il-qawsalla tal--paċi, l-ilsien Malti.

Wieħed, Vassalli, twieled fil-5 ta' Marzu 1764, u l-ieħor, il-Monsinjur Psaila, fit-18 ta' Ottubru 1871, jiġifieri, tista' tgħid, bħal-lum erbgħa u sebgħin sena ilu. Mela għalhekk, maħbub Dun Karm, jekk l-ewwelnett nifirħulek għall-unur xejn komuni tal-grad tad-Dottorat fil-Letteratura li bih għoġobha żżejnek l-Università Rjali ta' Malta, b'wirja ta' tagħrif tal-meriti tiegħek bħala l-ogħla u l-oħla Poeta Malti u bħala l-aqwa kontributur għat-twaqqif ta' lsienna fuq sisien l-iżjed sodi, ma nistgħux ma nifirħulekx ukoll għal għeluq sninek u fl-istess ħin

nixtiqulek għomor twil għall-ġid tal-Maltin kollha marbutin kif inhuma bir-rbit tal-Fidi Nisranija li tagħha inti sejf u tarka, u bir-rbit [illegible]ħor ta' [illegible]ilsien li tiegħu int il-bennej u l-imgħallem.

Il-Każin tal-Banda San Filippu, u miegħu l-poplu ta' Ħaż-Żebbuġ, raħal li daqs kemm inti għalih daqshekk huwa għażiż għalik, b'qalb waħda jifraħlek u jixtieqlek l-hena u r-riżq ta' din l-Art, imma fuq kollox il-Barka tas-Sema. Jekk dawn il-fjuri jistgħu jfissrulek dan il-ferħ u dawn ix-xewqat, jiena bħala President tal-Kumitat tal-Każin inħossni tassew kburi naqdi d-dmir li noffrihomlok. Viva Ħaż-Żebbuġ ta' Dun Karm! Viva Dun Karm ta' Ħaż-Żebbuġ! Viva Malta! Viva Malta u l-Ilsien Malti!

Ħaż-Żebbuġ, 21 ta' Ottubru 1945.

**Dun Karm wieġeb hekk:—**

Sur President,

Żebbuġin pajżani tiegħi,

Jiena ma nistax ma nammirax il-ħsieb patrijottiku li l-lejla ġabarkom hawnhekk biex tagħtu ġieh lili, bħala Malti u bħala Żebbuġi, wara li l-Università tagħna għoġobha tagħtini l-Grad ta' *Doctor Literarum* (honoris causa), u rajtu isbaħ il-ħsieb tagħkom għaliex, mal-membri tal-Kumitat tal-Każin qed nara miġbura l-membri kollha tal-Kleru, għax dan ifisser illi fejn jidħol il-ġieh tal-pajjiż, pajżani u Kleru huma lkoll qalb waħda u fehma waħda.

Issa, wara l-kliem sabiħ li bih inti, Sur President, fissirt ir-raġunijiet kollha li għalihom intom ridtu tonorawni b'din il-laqgħa, ma baqagħlix xi ngħid, ħlief li niżżikom ħajr b'qalbi kollha minn kemm għamiltu għalija. Iżda, bħala Żebbugi, li twelidt u trabbejt f'dan ir-raħal, irrid ingħidilkom fil-qosor liema kien it-taraġ li wassalni sal-Grad tad-D.Litt.

Jien, sa minn żgħuriti, ħabbejt lill-art ta' twelidi, lil Malta tagħna, u għalhekk sa minn meta kont tfajjel ta' disgħa, jew għaxar snin, fittixt li nistudja u nagħraf il-ġrajjiet sbieħ u kbar **ta' l-Istorja tagħha**; u, billi kif igħidu, il-poeta jitwieled hekk, ta 'tifel li kont, ħabbejt il-Poeżija wkoll, u kont nitgħaxxaq naqra, taħt it-triġija tas-Surmast Ruġġieru Dimech, il-poeżijiet ta' Ġio. Ant. Vassallo, l-iżjed dik lil Malta:

Int sabiħa, Malta tagħna,
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

U billi l-Poeżija hi l-isbaħ u l-ogħla fost il-kitbiet letterarji, jiena, meta kbirt u dħalt is-Seminarju ,ktibt, taħt it-triġija tal-Prof. E. Del Ricco, għal bosta snin, versi bit-Taljan li, fl-aħħar, qalgħuli l-laqam ta' *Lo Zanella di Malta*. Iżda għal dawn l-aħħar 34 sena jiena ntfajt għall-poeżija bil-Malti, għax il-Malti hu l-lsien tagħna, u bil-Malti jifhem kulħadd, fil-waqt li bi lsien barrani biċċa jifhmu u biċċa le.

Ix-xewqa tiegħi fil-kitba tal-poeżija kienet dejjem li nagħmel il-ġid lill-Maltin ħuti, sewwa fir-Reliġjon, sewwa fil-ħajja morali u sewwa fir-relazzjonijiet soċjali.

Issa ġara li x-xogħlijiet tiegħi nġabru fi tliet kotba, daħlu fl-iskejjel u daħlu fl-Università, fejn ingħoġbu, u studenti u professuri raw fihom mewġa ewlenija ta' moviment Malti fl-edukazzjoni letterarja, u, għalhekk, il-Kunsill Ġenerali iddeċieda li jagħtini l-Grad ta' D.Litt. Honoris causa.

Il-President u l-Kumitat ta' dan il-Każin fehem illi l-ġieħ li ntagħta lili hu wkoll ġieħ mogħti lil Malta, għax jien Malti, u ġieħ mogħti wkoll lil Ħaż-Żebbuġ, għax jien Żebbuġi.

Għaldaqstant, fil-ħin li jiena nżżi ħajr minn qalbi lid-Diriġenti ta' dan il-Każin mill-ġieħ li għoġobhom jagħtuni bħala Poeta Nazzjonali, kif sejjaħli l-President fid-diskors tiegħu, jiena nixrob bis-saħħa tagħna l-koll, biex nirtabtu qawwi fil-fehma li kull ma nagħmlu jkun ta' ġieħ għal Pajjiżna, u xejn li jista' jtabba' l-unur tiegħu.

---